# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1169

KAZ NRU. 1427

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Graziella Duncan

u

Blye Engineering Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 16 ta' Jannar, 2001

**Chairman : Is-sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 13 ta' Marzu, 2000, riferenza MSP/TI/21/2000 biex il-kwistjoni tigi processata skond l-Art. 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, l-appellanti qalet li giet imkeccija mill-impjieg minhabba "tibdil fl-organizazzjoni tal-kumpanija bl-implimentazzjoni tas-sistema tal-kompjuter"; kompliet tghid li t-terminazzjoni saret ftit wara li kienet infurmat lill-kumpanija ntimata li kienet tqila izda li riedet tibqa' tahdem wara li tiehu l-leave tal-maternita'; qalet ukoll li x-xoghol li kienet taghmel, illum qed isir minn haddiema ohra u li sahansitra l-kumpanija kienet qeghda taghmel avvizi fil-gurnali biex timpjega haddiem.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha l-kumpanija ntimata qalet li x-xoghol taghha kien kiber u riedet tikkompjuterizza; li kienet talbet zewg kumpaniji ghall-offerta u meta s-sistema giet installata, l-appellanti giet meqjusa *redundant*. L-offerta tas-sistema saret f'Novembru, 1998.

It-Tribunal wissa lill-partijiet li ma kellux kompetenza jidhol f'*redundancy* pero' kellu d-dover jara jekk l-allegata *redundancy* kinitx genwina jew paraventu biex l-impjieg tal-appellanti jigi terminat u jekk kinitx giet segwita l-procedura tal-ghazla tal-persuna li kellha titwarrab.

Ir-rapprezentant tal-kumpanija xehed u ta dettalji kif is-sistema giet implimentata "*in stages*" cioe' li l-attivita' kollha tal-kumpanija bdiet tiddahhal bil-mod il-mod u allura fil-bidu tkun parti kompjuterizzata u parti manwali sakemm fl-ahhar saret *network* mal-*outlets* kollha taghha u tkopri pagi, *sales, purchases*, *stocks*, *credit* u pagamenti.

L-appellanti sostniet (1) li s-sistema ma kellhiex iggib *redundancy* izda tibdil ta' xoghol bejn l-impjegati u semmiet li l-istess kumpanija li forniet is-*software* kienet semmiet *training* u cioe' "*relevant staff involved directly in the accounts department will be trained in their res(pective) areas*"; (2) li anke jekk kien hemm *redundancy* il-procedura tal-*last in first out* ma gietx segwita u li l-kumpanija qeghda toffri mpjieg mill-gdid u sahansitra kienet offriet impjieg *part-time* lilha stess; (3) li anke jekk kien hemm *redundancy*, l-appellanti xorta kellha dritt ghall-leave tal-maternita'.

Mid-dokumenti ezibiti u mix-xhieda ta' Ray Mallia jirrizulta li l-kumpanija IT Limited kienet ipprezentat dettalji tas-sistema f'Novembru 1998 u li l-offerta giet accettata fit-22

ta' Dicembru, 1998 - vuol dire aktar minn sena qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellanti.

Ma hemm ebda dubbju, u dan gie anke accettat mill-appellanti, li kompjuter jaghti, f'siegha, dak li manwalment isir f'perijodu itwal. L-appellanti pero' m'accettatx li dan ifisser li n-numru tal-impjegati jista' jonqos.

Dan it-Tribunal, anke diversament presedut, dejjem sostna li kumpanija kellha d-dover li tirristruttura ruhha biex issir aktar efficjenti biex issalva ruhha u ssalva xi mpjiegi.

Jirrizulta li l-kumpanija bdiet timplimenta s-sistema pass pass (*by stages*) sa minn Dicembru, 1998 u li giet finalizzata xi erbatax-il xahar wara u ghalhekk id-decizjoni ta' *redundancy* kienet gustifikata. Il-kumpanija offriet impjieg *part-time* izda l-appellanti la accettat u l-anqas irrifjutat.

It-tieni sottomissjoni kienet li l-procedura ta' *last in first out* ma gietx segwita u li tant ma kienx hemm *redundancy* li l-kumpanija kienet qeghda thallas avvizi ghall-impjegat gdid.

It-Tribunal sab li l-kumpanija kellha Accounts Clerk wahda biss u allura bil-fors kellha tkun dik il-persuna li kellha dak il-grad li tircievi terminazzjoni tal-impjieg; li l-avviz ghall-impjieg sar ghall-*assistant refrigeration technician* li zgur m'ghandu x'jaqsam xejn ma' l-accounts.

Li Natasha Grima kienet giet impjegata bhala Segretarja fit-8 ta' Gunju, 1998 (14-il jum qabel l-appellanti), li spiccat fit-18 ta' Frar, 2000 (ghax telqet) u li regghet dahlet fuq bazi ta' *part-time casual* bhala Sales Clerk fit-3 t'April, 2000 - impjieg li kien gie offrut lill-appellanti; li fit-3 ta' Lulju, 2000 regghet giet imtella' ghall-grad ta'

Segretarja li kien baqa' vakanti wara li telqet fi Frar. Ghalhekk ma kien hemm ebda rilevanza mal-grad tal-appellanti.

Dwar is-sottomissjoni ghad-dritt tal-leave tal-maternita' t-Tribunal jirrileva li din hi materja li taqa' fil-kompetenza tal-Enforcement Section tal-Labour Office.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li d-dikjarazzjoni ta' *redundancy* kienet gustifikata u li l-procedura segwita kienet tajba u ghalhekk jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kaz.

Ghall-fini tal-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986, it-Tribunal jistabilixxi d-dritt lil wiehed biss mid-difensuri tal-appellanti ghal Lm20 (ghoxrin lira maltin) u l-istess dritt ghal min assista l-kumpanija ntimata.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

--------------------

**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

--------------

**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**